**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ZGĦAR**

GUDIKATUR
DR MARSETTE PORTELLI XERRI LL.D.
LL.B, N.P, LL.D, M.A., Dip. Tesol (Trinity)

**Seduta tal-Gimgha, 14 ta' Frar, 2025**

Kawza Numru: 5/2024 (MPX)

**Maria Carmelina Cauchi (K.I. 67397M)**

**-vs-**

**Aaron Camilleri (K.I. 4480G)**

**Preliminari**

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba pprezentat mill-attrici fl-4 ta' April, 2024, li permezz tieghu talbet kif gej:

*Illi l-partijiet kienu f'relazzjoni extra-maritali, li minnha twieldet tifla, Chanel Camilleri, fit-22 ta' Lulju, 2013;*

*Illi r-relazzjoni tal-partijiet intemmet u eventwalment bejniethom infethet medjazzjoni (Ittra numru 23/2021 (BS), liema medjazzjoni kkulminat f'kawza (Rik. Gur. 29/2022); Illi permezz ta' digriet tat-23 ta' Novembru, 2021, moghti pendente lite fl-atti tal-medjazzjoni mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja, l-intimat Aaron Camilleri gie ordnat sabiex ihallas lill-esponenti s-somma*

*ta' €350 bhala retta alimentari, b'dana illi l-ewwel pagament kellu jsir fl-1 ta' Dicembru, 2021, imbaghad fl-ewwel jum ta' kull xahar sussegwenti;*

*Illi l-intimat ma aderixxiex ma' din l-ordni u baqa' moruz sakemm ghamel l-ewwel pagament f'Awwissu, 2023;*

*Illi fil-mori tal-kawza, senjatament nhar it-30 ta' Gunju, 2023, il-kontendenti ffirmaw kuntratt sabiex jirregolaw il-kura, kustodja, access u manteniment tal-minuri;*

*Illi fil-kuntratt surreferit, il-partijiet ma ghamlu ebda referenza ghall-pendenzi dovuti skont id-digriet fuq imsemmi u ghalhekk l-intimat kien baqa' dovut ihallas il-pagamenti minn Dicembru, 2021, sa Gunju, 2023;*

*Illi hekk kif fuq inghad, l-intimat ghamel l-ewwel pagament ghal dawn l-arretrati f'Awwissu, 2023, u sal-lum il-gurnata huwa hallas is-somma ta' €1140, u ghalhekk baqghalu pendenzi ta' €4110;*

*Illi minkejja li l-pagament sar dovut, u minkejja d-diversi interpellazzjonijiet anke permezz ta' ittra ufficjali sabiex ihallas il-bqija tal-arretrati, l-intimat baqa' inadempjenti u ma hallasx, minghajr ebda raguni valida fil-ligi.*

*Illi ghalhekk l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' €4110 oltre interessi u spejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi, li ggib in-numru ta' referenza 28/2024.*

Ra r-risposta tal-konvenut, ipprezentata fit-30 ta' April, 2024, li permezz taghha laqa' ghat-talbiet attrici kif gej:

Illi t-talba tal-attrici hija res judicata, kif ser jigi pruvat tul il-kors tas-smiegh ta' din il-kawza;

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi pprecizat li bejn il-partijiet hemm proceduri pendenti fil-Qorti tal-Magistrati, Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja, numru 29/2022 (BS), fl-istess isem tal-partijiet, liema proceduri gew intavolati nhar is-16 ta' Settembru, 2022, u matul is-smiegh ta' din il-kawza, cioe` 29/2022 (BS), il-partijiet rredigew abbozz li gie ppubblikat nhar it-30 ta' Gunju, 2023, fejn permezz tal-istess ghalqu l-pendenzi kollha ta' bejniethom;*

*Illi in segwitu ghall-publikazzjoni tal-kuntratt datat it-30 ta' Gunju, 2022, il-kawza numru 29/2022 (BS) kellha tigi ceduta, liema kawza ma gietx ceduta, izda minflok l-attrici pprezentat rikors datat it-23 ta' Novembru, 2023, fejn talbet lill-Onorabbli Qorti tordna lill-intimat ihallasha manteniment fl-ammont ta' €4,110;*

*Illi matul il-kazwa 29/2022 (BS) ir-rikors prezentat mill-attrici ghat-talba ta' hls ta' manteniment fl-ammont ta' €4110 gie muchud permezz ta' decizjoni li nghatat fit-23 ta' Frar, 2024;*

*Illi issa u fil-mori tal-istess kawza 29/2022 (BS), l-attrici pprezentat il-kawza de quo bl-istess talba li ressqet quddiem il-Qorti tal-Magistrati, Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja, liema rikors/talba giet michuda;*

*Illi mid-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati, Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja ma sarx appell u dan kompla jikkonferma li t-talba giet gudikata. Illi t-talba tal-attrici ghandha tigi michuda stante li hija res judicata, apparti nebis in idem.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra n-nota tad-Direttur Generali u Registratur, Qrat u Tribunal ta' Ghawdex, li permezz taghha pprezentat vera kopja tal-kawza fl-ismijiet 'Maria Carmelina Cauchi vs Aaron Camilleri', Rik. Gur. 29/2022 (BS);

Ra l-istess;

Ra x-xhieda tal-attrici, fejn ikkonfermat illi ta' dan l-ammont baqghet ma thallsitx, u li dan huwa l-istess ammont mertu tar-rikors intavolat minnha quddiem il-Qorti tal-Familja. Ra wkoll id-dokumenti pprezentati mill-istess attrici, in sostenn tat-talba taghha.

Ikkunsidra:

Illi permezz ta' din il-kawza, l-attrici qieghda titlob li tigi mhallsa mill-konvenut ammont li baqa' mhux mghoddi lilha in linea ta' manteniment pagabbli ghall-wild minuri tal-partijiet. Il-konvenut jilqa' ghal din it-talba principalment bl-eccezzjoni tar-res judicata, fejn jasserixxi li gialadarba kien moghti digriet mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja, ghar-rikors tal-attrici tas-16 ta' Novembru, 2023, li permezz tieghu kienet ressqet talba identika ghal din odjerna, permezz ta' liema digriet, li minnu ma gie interpost l-ebda appell, it-talba giet michuda, allura tirrizulta r-res judicata.

It-Tribunal fela s-sucitat digriet, li jaqra kif gej:

> *Illum, 23 ta' Frar, 2024*
>
> *Il-Qorti;*
>
> *Reġgħet rat ir-rikors tal-attriċi tas-16 ta' Novembru 2023;*
>
> *Rat li minkejja li ġie debitament notifikat il-konvenut ma ppreżenta l-ebda risposta;*
>
> *Rat ukoll it-talbiet tal-attriċi;*
>
> *Rat li fl-atti ġie ppreżentat il-kuntratt li ġie approvat minn din il-Qorti u ffirmat fit-30 ta' Ġunju, 2023;*
>
> *Għaldaqstant mingħajr ebda preġudizzju għal kull azzjoni l-attriċi jidrilha li għandha tieħu fil-konfront tal- arretrati ta' manteniment minnha allegati;*
>
> *Tiċħad it-talba.*

Illi jsegwi, ghaldaqstant, li ghalkemm din l-Onorabbli Qorti ghaddiet biex tichad it-talba tal-attrici ghall-hlas tal-arretrati ta' manteniment, dovuti ai termini tal-kuntratt debitament approvat u ffirmat, hija bl-ebda mod ma ddecidiet il-mertu tal-istess talba, tant li ghamlitha cara li d-digriet taghha kien qieghed jinghata minghajr l-ebda pregudizzju ghal kwalsiasi azzjoni li l-istess attrici jidhrilha li ghandha tiehu sabiex titlob hlas ghall-arretrati ta' manteniment. L-attrici, fil-fatt, hekk ghamlet, u ghaddiet biex tintavola l-azzjoni odjerna.

*F'dan l-istadju, it-Tribunal ser jidhol fl-elementi li jikkostitwixxu r-res judicata, liema elementi kienu ben spjegati fis-sentenza fl-ismijiet 'Anthony Borg et. vs Anthony Francis Willoughby et.', moghtija fit-28 ta' Marzu, 2003, fejn gie enuncjat kif gej:*

*L-'exceptio rei judicatae' ghandha bhala fundament il-fatt ta' l-interess pubbliku, u wkoll ghaliex 'interest rei publicae ut sit finis litium'. Sentenza li ghaddiet 'in giudicato', jigifieri li ma tista' tappella minnha izjed, hija mizmuma bhala tajba u sewwa u tal-haqq - 'res judicata pro veritate habetur' - jigifieri l-fundament ta' l-'actio' u ta' l-'exceptio judicati' hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija 'strictissimae interpretationis'.*

*Huwa maghruf illi l-elementi ta' l-eccezzjoni tal-gudikat huma li s-sentenza ta' qabel kienet moghtija f'kawza bejn l-istess persuni fuq l-istess oggett u ghall-istess kawzali (eadem personam, eadem res, eadem petendi) bhal fil-kawza l-gdida.*

*Stabbiliti dawn l-estremi jrid jigi ezaminat jekk fil-kaz jirrikorrux l-elementi kollha ta' l-eccezzjoni kif pretiz mill-konvenuti.*

*Gie affermat illi hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat anki meta l-meritu tal-kaz, ghalkemm distint minn dak tal-kawza ta' qabel, jifforma parti mill-istess haga jekk il-punt kontrovers ikun l-istess.*

*Intqal ukoll illi ghalkemm biex jista' jigi nvokat il-gudikat, hemm bzonn l-identita` ta' l-oggett, din l-identita` ma hemmx bzonn tkun assoluta bastali jkun hemm l-identita` fuq il-punt kontrovers, jew l-oggett fit-tieni citazzjoni jkun jidhol bhala parti integrali ta' l-oggett aktar ampju dedott fl-ewwel citazzjoni.*

*Li jfisser li l-atturima jkunux jistghu permezz ta' kawza ohra jifthu t-trattazzjoni ta' l-istess punti fl-istess kwistjoni li gja gew diskussi f'kawza deciza b'sentenza li gja ghaddiet f'gudikat.*

***Sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija fil-gudizzju, l-istess kwistjoni tibqa' mhux deciza, u ma jistax mill-parti l-ohra jinghad li ghad-decizjoni josta l-gudikat.** (sottolinear tat-Tribunal)*

*L-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tigi ammessa b'cirkospezzjoni kbira; u dan aktar u aktar meta dik l-eccezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt, bhal meta si tratta minn incident processwali li jqum fil-kors tal-gudizzju, fejn ma jistax ikun hemm dak li jissejjah gudikat implicitu. Biex ikun hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat, hemm bzonn li l-kwistjoni tkun giet 'effettivament' deciza bis-sentenza ta' qabel, u mhux biss li setghet tigi deciza.*

*Dak li hu antecedent necessarju tad-dispositiv tas-sentenza u lihu ta' bilfors ovvjament deducibbli minnu, ghalkemm ma jinghadx fl-istess dispositiv, jitqies nvolut fih u parti minnu.*

*Meta la fil-motivazzjoni, la fid-dispositiv, u lanqas fit-tnejn kombinati flimkien, ma giet verament deciza l-indentika kwistjoni, l-eccezzjoni tal-gudikat mhijiex ostatattiv ta' l-azzjoni.*

*Fid-dubju l-imhallef m`ghandux jippropendi favur l-eccezzjoni tal-gudikat.*

Illi, addottanti l-istess, u ghall-motivi fuq espressi minnu, dan it-Tribunal huwa tal-fehma li ma jistax jghaddi biex jilqa' l-ecezzjoni tar-res judicata, eccepita mill-konvenut.

Illi di piu`, u stante li t-Tribunal ma jara l-ebda raguni ghalfejn dak ikkonfermat bil-gurament tal-attrici m'ghandux jitwemmen, partikolarment meta l-konvenut bl-ebda mod ma ttenta jikkontesta l-veracita` tal-istess, u fejn, kif spjegat mill-istess attrici, l-istess konvenut kien irrikonoxxa ammont dovut tant li kien twettaq minnu pagament parzjali in linea tal-istess, it-Tribunal huwa tal-fehma li t-talba tal-attrici timmerita li tintlaqa'.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, filwaqt li jichad l-eccezzjoni tar-*res judicata*, jghaddi biex jichad ukoll l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, u jilqa' t-talba tal-attrici, kif kontenuta fl-Avviz tat-Talba, bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

(ft.) Dr. Marsette Portelli Xerri
Gudikant

(ft.) Martina Axiak
Deputat Reġistratur

Vera kopja

Ghar-Registratur